# Il-Ħadd 19.05.2019

1. Illum 19/05, **il-Ħames Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità**:
   - Għandna xi qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li ser jingħataw b'ġest ta' Karità u għajnuna tant bżonnjuża lil Dar Santa Tereża, fin-Nigret, iż-Żurrieq.
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. It-Tlieta 21/05:
   - Fid-9:30am - Il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.

3. Il-Ħamis 23/05:
   - Fis-7:15pm - Jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ġimgħa 24/05:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

5. Is-Sibt 25/05:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Il-Ħadd 26/05, **is-Sitt Ħadd tal-Għid**.

7. It-Tnejn 27/05:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.
     Din ser tkun immexxija mill-Kappillan, u ssir fil-Museum tas-Subien.

8. It-Tlieta 28/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm.
     Biljetti u dettalji aktar 'il quddiem mingħand il-helpers.

9. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lil dawk kollha li laqgħuna f'darhom biex nitolbu flimkien u nagħmlu t-tberik għal din is-sena, kif ukoll grazzi tal-ġenerożità tagħkom, kemm bi kliem ta' inkuraġġiment u kemm bid-donazzjonijiet għall-knisja. Biss nappella biex dawk li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux meta indikat, imma li xorta jixtiequ jbierku, ħalli jikkuntattjaw lill-Kappillan u jagħmlu appuntament.

10. Avviżi mill-Kunsill Lokali:
    - Mill-Erbgħa 22/05 se jiġi ntrodott is-servizz ta' trasport għall-anzjani b'xejn *Silver T* - magħruf bħala *Tuk Tuk*. (Għall-użu ta' dan is-servizz wieħed għandu jċempel u jibbukkja jumejn qabel fuq in-numru: 21695544.) Aktar informazzjoni mill-Kunsill Lokali.
    - Is-Sibt 25/05, l-uffiċċju tal-Kunsill se jkun magħluq minħabba l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew.

11. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 273 mill-bejgħ tal-ortensji u l-lotterija ta' Jum l-Omm,
      b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
    - € 20 bħala donazzjoni bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.